# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 6 t'Ottubru 2016**

**Rikors Numru : 135/2014 JPG**
**Kawza Numru : 18**

**Korporazzjoni Enemalta**
**u b'digriet tad-29 ta' Frar 2016**
**giet korretta ghall-Enemalta plc (C-65836)**

**vs**

**Louis Pace detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 871952M**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti tat 12 ta' Frar 2014 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

1. *"Illi l-konvenut ghandu jhallas s-somma ta' sebgha u tletin elf u mija u hamsa u tletin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (EUR 37, 135.77) liema somma tirraprezenta l-ammont dovut bhala prezz ghal konsenji ta' fuels moghtija lill-konvenut u ta' l-imghaxijiet relattivi u dan skond il-ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut u kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";*

2. *Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas din is-somma hawn fuq imsemmija kif jidher mill-kopja tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "B", il-konvenut baqa inadempjenti.*

*Jghid ghalhekk l-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:*

(1) *Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat li jhallas s-somma dovuta ta' sebgha u tletin elf u mija u hamsa u tletin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (EUR 37, 135.77) lis-socjeta attrici;*

(2) *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebgha u tletin elf u mija u hamsa u tletin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (EUR 37, 135.77) liema somma tirraprezenta l-ammont dovut bhala prezz ghal konsenji ta' fuels li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici u ta' l-imghaxijiet relattivi.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekrvestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Louis Pace tal-10 ta' Marzu 2014 (a fol. 12 et seq.) li taqra hekk:

1. *"Illi primarjament, l-esponenti Louis Pace huwa estraneu fir-relazzjoni guridika mal-korporazzjoni rikorrenti, stante li kwalsiasi transazzjoni saret fil-vesti tieghu ta' direttur tas-socjeta 2000 Limited (C7358), liema socjeta' ma hijiex parti minn dawn il-proceduri.*

2. *Illi in vista tal-premess, l-eccipjenti jirrileva li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

3. *Illi ma jezisti l-ebda ammont dovut da parti ta' l-eccipjenti fil-konfront tal-korporazzjoni rikorrenti.*

4. *Illi di piu, u minghajr pregudizzju ghal premess, fl-eventwalita' li jirrizulta kwalsiasi ammont dovut da parti ta' l-eccipjenti fil-konfront tal-korporazzjoni rikorrenti, l-istess korporazzjoni rikorrenti ghandha tipprezenta prova tal-komputazzjoni ta' kwalsiasi ammont.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess korporazzjoni rikorrenti li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici Enemalta plc (C65836) gja maghrufa bhala l-Korporazzjoni Enemalta tal-24 ta' Dicembru 2015 (a fol. 80 et seq)

Rat id–dokumenti u l-atti kollha ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Godfrey Scicluna** xehed permezz ta' affidavit a fol 39 illi huwa jahdem bhala "financial controller" mas-socjeta rikorrenti li kienet ikkonsenjat kwantita ta' fuels lill-intimat kif jidher mill-fatturi li gew prezentati in atti. Huwa spjega illi skont dawn il-fatturi illi bejh dejjem sar lill-intimat fil-kapacita tieghu personali u s-socjeta rikorrenti qatt ma kellha x'taqsam xejn mas-socjeta 2000 Limited. Kompla illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' €32,082.77 fir-rigward ta' provvista ta' fuel kif ukoll fis-somma ta' €5,053.00 bhala interessi fuq il-kapital dovut sat-28 ta' Gunju 2013. Xehed ukoll illi l-fatturi dejjem inhargu fuq isem l-intimat, inkluz dawk li gew imhallsa minghajr l-ebda kontestazzjoni.

**In kontro-ezami** a fol 48 – 60 xehed illi l-fuel in kwistjoni kien jigi fornut lil petrol station maghrufa bhala tal-Palmex f'Tas-Sliema. Spjega illi hafna drabi l-ordni isir permezz tat-telephone, u l-invoice tohrog wara li isir il-konsenja tal-fuel ghand il-petrol

station. Mistoqsi jekk min jiehu l-ordni bit-telephone innizel lill-persuna li cemplet, wiegeb illi mhux bilfors ghaliex lin-nies jafuhom bl-isem tal-pompa, u inoltre li persuna tista' ccempel u meta taghmel ordni tispecifika ghal liema petrol station qed isir l-ordni. Spjega illi l-fatturi kienu johrogu f'isem l-intimat peress illi huwa kien il-licence holder tal-petrol station Palmex. Qal ukoll illi s-socjeta 2000 Limited kienet tidher bhala l-indirizz tal-intimat, ghaliex l-intimat kien imnizzel bhala 'c/o 2000 Limited, 260, Tower Road, Sliema'. Qal ukoll illi d-delivery note kienet tigi iffirmata mill-persuna li kienu tirceivi l-konsenja tal-fuel fil-petrol station. Xehed illi l-intimat qatt ma mar biex jilmenta li mhux suppost kienu qed jidher hu fuq l-fatturi. Mistoqsi min kien ihallas ghal-konsenji ta' fuels wiegeb illi s-socjeta rikorrenti ma zzomx records ta' dan peress illi m'ghandha l-ebda interess f'min ikun hallas, ghaliex l-interess tas-socjeta rikorrenti huwa biss li tithallas ghal prodott ikkonsenjat minnha.

Mistoqsi rigward l-imghax, huwa wiegeb illi mall-amont mitlub gie ukoll komputat imghax semplici bis-6% .

**Johan Pace** xehed permezz ta' affidavit a fol 42 illi huwa jahdem bhala accounts clerk mas-socjeta rikorrenti illi kienet ikkonsenjat ammont ta' fuel lill-intimat fil-kapacita tieghu personali. Spjega illi huwa kien gera wara l-itimat biex dan ihallas id-dejn dovut lis-socjeta rikorrenti. Huwa kkonferma illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' €32,082.77 fir-rigward ta' provvista ta' fuel kif ukoll fis-somma ta' €5,053.00 bhala interessi fuq il-kapital dovut sat-28 ta' Gunju 2013. Spjega wkoll illi fatturi precedenti, li wkoll kienu nhargu fuq isem l-intimat personalment kienu gew imhallsa minghajr kontestazzjoni.

**In kontro-ezami** a fol 47A – E wiegeb illi dak li xehed fuqu fl-affidavit tieghu kien jafu fuq l-ordnijiet li kellu quddiemu. Huwa qal illi ma jafx min kien jaghmel l-ordnijiet peress illi huwa kellu x'jaqsam biss mal-pagamenti. Huwa xehed illi kien ilu jahdem mas-socjeta rikorrenti xi tnax -il sena u l-hlasijiet ta' fuel relatati mal-intimat jew mas-socjeta 2000 Limited kienu jghaddu minn taht idejh. Qal illi l-pagamenti kienu jsiru permezz ta' bank trasnfers peress illi s-socjeta rikorrenti ma taccettax cheques, izda li ma jafx minn kien ghamel il-pagament, ghaliex l-importanti ghas-socjeta rikorrenti huwa li tigi mhallsa u mhux min ghamel il-hlas. Ikkonferma li qabel inbidlet is-sistema, il-pagamenti kienu jsiru permezz ta' cheque, izda ma setghax jikkonferma illi kienet is-

socjeta 2000 Limited li kienet tohrog ic-cheques relattivi. Qal illi huwa kien icempel lill-intimat u kien jghidlu li jrid ihallas xi fattura partikolari. Wiegeb illi huwa jaf li l-intimat ghandu zewg petrol stations, izda din il-kawza m'ghanda x'taqsam xejn mal-kont tal-petrol station Savoy, izda biss fuq dik bl-isem Palmex.

**L-intimat** xehed a fol 62 – 67 illi huwa kien jopera zewg pompi tal-petrol f'isem il-kumpanija 2000 Limited, wahda bl-isem Palmex u l-ohra bl-isem Savoy. Spjega illi l-ordni kien isir minn fuq it-telephone billi jaghti l-isem tal-pompa, u d-delivery note kien jiffirma bhala 'Louis Pace on behalf'. Qal illi filfatt anke n-numru tar-registrazzjoni tal-VAT kien tal-kumpanija 2000 Limited u li huwa lanqas biss ghandu numru tal-VAT. Qal ukoll illi xi drabi lanqas biss kien ikun hemm hu u l-ordni kien isir minn xi impjegati. Anke fir-rigward tal-firma fuq id-delivery note, qal illi kien jiffirma min kien jinzerta ikun xoghol dakinhar ghaliex hu mhux dejjem kien ikun fuq is-sit. **Mistoqsi mill-Qorti biex isemmi l-isem tal-impjegati li kien ikun hemm wiegeb illi ma jiftakarx.** Xehed illi l-pagamenti kienu jsiru permezz ta' cheque u xi drabi permezz ta' bank transfer, u dawn il-pagamenti kienu dejjem johrogu mill-kont tas-socjeta 2000 Limited.

Ri-prodott a fol 76D – G, u b'referenza ghal pagna 1 sa 4 ta' Dok E, **xehed illi l-firma li tidher fuq id-delivery nota hija ta' bintu Jane Pace li kienet impjegata mal-kumpanija 2000 Limited** u l-firma li tidher fuq il-hames pagna tal-istess dokument hija ta' C. Polidano kien impjegat part-time ma' 2000 Limited. Xehed illi l-pompa tal-petrol in kwistjoni hija proprjeta ta' 2000 Limited u huwa "sole director" ta' din il-kumpanija.

**In kontro-ezami** a fol 76G – 76K, xehed illi s-socjeta 2000 Limited waqfet taghmel hlasijiet lis-socjeta rikorrenti wara s-sena 2010 minhabba problemi finanzjarji. Mistoqsi fuq isem min kienet il-polza tal-assikurazzjoni tal-pompa tal-petrol Palmex, wiegeb li kienet f'isem 2000 Limited. Meta gie mistoqsi, b'referenza ghal Dok JPZ2 sabiex jaqra x'tghid il-polza ta' assikurazzjoni rigward il-persuna li fuqha qieghda intestata il-polza, wiegeb "Louis Pace on behalf of 2000 Limited." Mistoqsi min hu s-sid tal-proprjeta fejn hemm il-pompa tal-petrol wiegeb illi hija s-socjeta 2000 Limited li hija l-proprjetarja ta' dan il-fond, imbaghad qal li jista' jkun Mexico Garage, li hija kumpanija li taghha huwa direttur u "majority shareholder".

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepixxa illi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi kwalsiasi transazzjoni li saret, saret minnu fil-vesti tieghu bhala direttur tas-socjeta 2000 Limited.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono et** fejn intqal illi:

> ***"...meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, <u>huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.</u> Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut (...) li jgib il-prova li s-socjeta' attrici kienet giet mgharrfa li n-negozju kien qieghed jigi gestit minn socjeta' kummercjali..."*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Dan l-istess principju gie kostantament abbracjat mill-Qrati Maltin. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Charles O' Flaherty noe. vs Joseph Micallef** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta Gunju 1987:

> ***"...l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta' attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta' kummercjali."***

Intqal ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 illi:

> ***"...hija haga milllewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta' attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta' attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta' tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?"***

In sostenn ta' din l-eccezzjoni l-intimat ezebixxa certifikat ta' registrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li juri illi n-numru tal-VAT kwotat fuq il-fatturi mahruga mis-socjeta rikorrenti m'huwiex tal-intimat izda tas-socjeta 2000 Limited, u provda ukoll it-testimonjanza tieghu.

Wara li semghat lill-intimat jixhed, il-Qorti tqis illi x-xhieda tieghu m'hijiex kredibbli u ghalhekk ma tista' tinghata l-ebda affidament minn din il-Qorti biex tasal ghal konkluzjoni taghha. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset is-segwenti:

1. L-intimat xehed illi huwa kien jiffirma d-delivery notes bhala '*Louis Pace on behalf of*', **pero l-ebda delivery note b'din il-firma ma giet prodotti in atti, izda gew prodotti biss delivery notes iffirmati minn impjegati**;

2. Mistoqsi biex jaghti l-isem tal-impjegati li kienu jircievu l-konsenji ta' fuel mis-socjeta rikorrenti**, l-intimat wiegeb li ma jiftakarx isimhom**. Pero, meta gew ezebiti numru ta' delivery notes irrizulta li l-maggior parti taghhom kienu **iffirmati minn bint l-intimat stess**. Ghalhekk huwa inverosimili li l-intimat

verament ma kienx jiftakar min seta' ffirma xi delivery notes, u jidher iktar probabbli illi kien qieghed ikun volontarjament evasiv;

3. Senjatament, meta gie mistoqsi sabiex jaqra minn fuq Dok JPZ2 fuq minn kienet il-polza ta' assikurazzjoni tal-pompa tal-petrol wiegeb “Louis Pace on behalf of 2000 Limited” **meta d-dokument jaqra carament “Louis Pace and/or 2000 Limited”**. Il-fatt illi l-intimat prova jizvija l-Qorti meta wiegeb ghal din id-domanda meta id-dokument in kwistjoni gie prodott in atti u ghalhekk kien facilment verifikabbli **jimminja serjament fuq il-kredibilita u l-affidabilita tal-intimat bhala xhud.**

Inoltre, il-Qorti taghraf ukoll illi l-iktar ta' relevanza ghal din l-eccezzjoni tal-intimat huwa l-fatt illi matul is-snin, huwa qatt ma ilmenta mas-socjeta rikorrenti illi l-invoices kienu qed jintbaghtu lilu u mhux lis-socjeta 2000 Limited u dana minkejja li skont hu ix-xiri tal-fuels kien qed isir mis-socjeta u mhux minnu personalment. Minflok l-intimat ghazel illi mhux talli ma jilmentax mas-socjeta rikorrenti u jinsisti li jikkoreggu l-intestatura tal-fatturi, izda talli accettata il-fatturi kif intestati minghajr l-ebda kontestazzjoni u ghamel diversi hlasijiet. Ghalhekk huwa car illi s-socjeta rikorrenti ma inghatax informazzjoni cara u inekwivoka mill-intimat illi kienet qed tinnegozja mas-socjeta kummercjali jekk dan il-kaz. Isegwi li s-socjeta’ rikorrenti kellha kull dritt tipprezumi li kienet qed tikkontratta ma' individwu, u cioe l-intimat fil-vesti personali tieghu.

Ghaldaqstant, l-intimat huwa l-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni u konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tieghu, l-intimat eccepixxa illi m'hemm l-ebda ammont dovut da parti tieghu lis-socjeta rikorrenti, u alternattivament illi s-socjeta rikorrenti trid tipprova l-komputazzjoni taghha.

Il-Qorti diga sabet iktar il-fuq illi l-intimat huwa l-legittimu kontradittur f'din il-kawza peress illi huwa ma tax indikazzjoni cara u inekwivoka lis-socjeta rikorrenti illi ma

kienx qieghed jinnegozja f'ismu, izda f'isem kumpanija. Ghalhekk kwalunkwe debitu talvolta dovut lis-socjeta rikorrenti, huwa dovut mill-intimat personalment.

Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, l-intimat ma nnegax illi ma kienux qed isiru l-pagamenti dovuti lis-socjeta rikorrenti, izda qal biss illi s-socjeta 2000 Limited kellha diffikultajiet finanzjarji u ghalhekk kienet waqfet taghmel hlasijiet lis-socjeta rikorrenti. In vista ta' dan, u wara li rat l-atti kollha tal-kawza, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat. Dan l-ammont gie ridott ghas-somma ta' tnejn u tletin elf u tnejn u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centemzu (€32,082.77), oltre l-imghaxijiet legali skont il-ligi, permezz ta' nota ezebita mis-socjeta rikorrenti fl-24 ta' Dicembru 2015, li tinsab a fol 93 tal-process.

Fir-rigward tal-eccezzjoni relatata mal-komputazzjoni tal-ammont reklamat il-Qorti tqis illi tali komputazzjoni giet sodifacentement provata mis-socjeta rikorrenti, illi ezebiet il-fatturi kollha relattivi ghall-ammont reklamat.

Ghalhekk it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat qieghdin jigu michuda.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti kif redotti u tiddikjara illi l-intimat huwa obbligat li jhallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tnejn u tletin elf u tnejn u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centemzu (€32,082.77) u konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat ihallas is-somma ta' tnejn u tletin elf u tnejn u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centemzu (€32,082.77), bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**